Nru./No. 21,271
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 19 ta' Ġunju, 2024
Wednesday, 19th June, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 21,371
Government Notices *21,371*

Avviżi tal-Pulizija 21,371
Police Notices *21,371*

Avviżi tal-Qorti ..... 21,372 - 21,374
Court Notices ..... *21,372 - 21,374*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 743

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tlieta, it-18 ta' Ġunju, 2024 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 721 tas-17 ta' Ġunju, 2024 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-18 ta' Ġunju, 2024
(OPM/19/2022)

Nru. 744

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 100 imsejjaħ l-Att tal-2024 dwar Persuni li jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u dwar Xerrejja ta' Kreditu.

Id-19 ta' Ġunju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 145

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żebbuġ, Għawdex

Nhar is-Sibt, 22 ta' Ġunju, 2024, bejn nofsinahr u l-10.00 p.m. minn Triq ix-Xwejni (mill-Qbajjar Restaurant sa Triq Għajn Mhelhel).

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Id-19 ta' Ġunju, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 743

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Tuesday, 18th June, 2024, and that the arrangements made by Government Notice No. 721 of the 17th June, 2024 ceased to have effect accordingly.

18th June, 2024

No. 744

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 100 entitled the Credit Servicers and Credit Purchasers Act, 2024.

19th June, 2024

POLICE NOTICE

No. 145

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Żebbuġ, Gozo

On Saturday, 22nd June, 2024, between noon and 10.00 p.m. through Triq ix-Xwejni (from Qbajjar Restaurant to Triq Għajn Mhelhel).

Public transport may also be affected.

19th June, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1369

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2023, fuq talba ta' Eileen Farrugia et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji u subdirettarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1069/2023 fl-ismijiet Eileen Farrugia et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Eileen Farrugia née Sciberras, mart Joseph Farrugia, imwielda San Ġwann fit-28 ta' Ottubru, 1965, u residenti 20A, Boat House, Triq tax-Xtut, San Pawl il-Baħar (KI 0520065M), Maria Sciberras, mhux miżżewġa, ġja miżżewġa lil David Mangion, liema żwieġ ġie annullat, imwielda San Ġwann fis-27 ta' Jannar, 1968, u residenti Montparnasse, 39, Triq Madre Margherita Debrincat, Pembroke (KI 0078268M) u Salvina sive Sylvia Grech, divorzjata minn Raymond Grech, bint Emanuel Sciberras u Concetta sive Cetta Sciberras née Zammit, imwielda Birkirkara fid-29 ta' Awwissu, 1962, u toqgħod Yucca Court, Flat 13, Triq Carmelo de Lucca, San Pawl il-Baħar (KI 0576062M) vs Kuraturi Deputati in rappreżentanza tad-direttarji u subdirettarji mhux magħrufa ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2023, fejn Eileen Farrugia née Sciberras (KI 0520065M), Maria Sciberras (KI 0078268M) u Salvina sive Sylvia Grech (KI 0576062M) esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond ossija appartament numru 12, fi blokk bini bin-numru 115, magħrufa bħala Windsor Flats, Triq J. Quintinus, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar (minn issa 'l quddiem il-Proprjetà – murija fuq is-site plan annessa Dok. A);

Illi l-esponenti akkwistaw il-proprjetà b'wirt mingħand il-ġenituri tagħhom illi, min-naħa tagħhom kienu akkwistaw il-propretà mingħand il-konjuġi Anthony u Michelle Galea, b'att ta' kompravendita tal-20 ta' April, 1996, atti tan-Nutar Dott. George Bonello DuPuis;

Illi fuq dan l-att jingħad illi l-proprjetà hija suġġetta għar-rata tagħha ta' ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.25, liema somma hija llum ekwivalenti għal €2.91;

Illi permezz ta' ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens tad-29 ta' Mejju, 2008, l-genituri tal-esponenti kienu fdew iċ-ċens mingħand dawk li kienu s-sidien preżunti u ċjoè Angelo

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 30th May, 2023, following a request by Eileen Farrugia et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown direct owners and sub direct owners in the acts of the schedule of deposit number 1069/2023 in the names Eileen Farrugia et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 29th May, 2023, in the names Eileen Farrugia née Sciberras, wife of Joseph Farrugia, born in San Ġwann on the 28th October,1965, and residing at 20A, Boat House, Triq tax-Xtut, St Paul's Bay (ID 0520065M); Maria Sciberras unmarried, previously married to David Mangion, which marriage was annulled, born in San Ġwann on the 27th January, 1968, and residing at Montparnasse, 39, Triq Madre Margherita Debrincat, Pembroke (ID 0078268M); Salvina sive Sylvia Grech, divorced from Raymond Grech, daughter of Emanuel Sciberras and Concetta sive Cetta Sciberras née Zammit born in Birkirkara on the 29th August, 1962, and residing at 20 Yucca Court, Flat 13, Triq Carmelo de Lucca, St Paul's Bay (ID0576062M) vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners and/or subdirect owners, the applicants Eileen Farrugia née Sciberras (ID 0520065M), Maria Sciberras (ID 0078268M) and Salvina sive Sylvia Grech (ID 0578062M) respectfully submitted:

That the applicants are the owners of the premises that is the appartment number 12, in block number 115, known as Windsor Flats, Triq J. Quintinus, Qawra, St Paul's Bay (for here onwards The Property – shown on site plan attached Doc. A);

That the applicants acquired the property by inheritance from their parents who, on their part, acquired the property from the spouses Anthony and Michelle Galea, by deed of sale of the 20th April, 1996, records of Notary Dr George Bonello Dupuis;

That on this deed it is stated that the property is subject to its rate of annual and perpetual groundrent of Lm1.25, which sum is today equivalent to €2.91;

That by means of a schedule of deposit and redemption of groundrent of the 29th May, 2008, the applicants' parents had redeemed the groundrent from those who were the presumed

Vella, Antonio Nattrass u Salvina Clarke inkwantu għal €1.10 redimibbli bir-rata ta' 3% u Marcelle Muscat Fenech, Claire Demarco, Theresa Fenech, Joseph Vassallo u Anne u John aħwa Busuttil inkwantu għal €1.80 redimibbli bir-rata ta' 5%. Qed tiġi hawn annessa kopja taċ-ċedola inkwistjoni bid-dokumenti ta' magħha, inkluż l-att ta' akkwist tal-20 ta' April, 1996 (Dok. B);

Illi għandu jingħad illi l-ammonti depożitati kienu ġew żbankati, u mill-2008 sal-lum, ħadd ma ppretenda xi ħlas ulterjuri ta' ċens rigwardanti l-proprjetà;

Illi madankollu, minn riċerka dwar il-provenjenza tat-titolu ta' proprjetà li saret mill-esponenti, mhux ċar minn fejn jirriżulta t-titolu tad-direttarji li fil-konfront tagħhom kien sar il-fidi, u jekk wieħed iqis il-kuntratti preċedenti tal-5 ta' Marzu, 1980 (Dok. C) u tal-10 ta Mejju, 1966 (Dok. D) li għalihom issir referenza fit-taqsima tal-provenjenza fil-kuntratt ta' akkwist lanqas huwa għal kollox ċar kif iċ-ċens kien jammonta għal Lm1.25 u kif kien maqsum;

Inoltre, minħabba t-trapass taż-żmien u d-diversi trasferimenti matul is-snin, huwa diffiċli li wieħed jirrisali għal min id-direttarji u/jew subdirettarji li lilhom kien oriġinarjament dovut iċ-ċens u wisq anqas minn huma l-eredi l-ħajjin tagħhom.

Għalhekk minkejja li ċ-ċens gravanti l-proprjetà kien ġie mifdi fl-2008, l-esponenti – ex abudantia cautela – sejrin jiddepożitaw mill-ġdid l-ammont ta' fidi, oltre ħlas ta' ċens għal dawn l-aħħar ħames snin u dan permezz taċ-ċedola odjerna illi sejra titressaq kontra kuraturi sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa.

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti qegħdin iressqu din iċ-ċedola li biha qegħdin jiddepożitaw:

i. is-somma ta' €58.20 li tirrappreżenta ċ-ċens ta' €2.91 kapitalizzat bir-rata ta' 5%;

ii. is-somma ta' €14.55 rappreżentanti għal kull bon fini l-arretrati għal dawn l-aħħar ħames snin.

Għaldaqstant, a tenur tas-subartikolu (7) tal-istess artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożitaw is-somma globali ta' €72.75 prezz tal-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-proprjetà msemmija, kif ukoll il-ħlas tal-arretrati tal-aħħar ħames snin, sabiex liema somma tiġi liberament żbankata mill-kuraturi rappreżentanti direttarji u/jew subdirettarji mhux magħrufa, wara li titħalla d-debita rċevuta.

Esponenti: Eileen Farrugia née Sciberras, 20A, Boat House, Triq ix-Xtut, San Pawl il-Baħar

Maria Sciberras, Montparnasse, 39, Triq Madre Margherita Debrincat, Pembroke

owners and namely Angelo Vella, Antonio Nattrass and Salvina Clarke as for €1.10 redeemable at the rate of 3% and Marcelle Muscat Fenech, Claire Demarco, Theresa Fenech, Joseph Vassallo and Anne and John brothers Busuttil as for €1.80 redeemable at the rate of 5%. A copy of the schedule of deposit in question with accompanying documents is hereby attached, including the deed of acquisition of the 20th April, 1996 (Doc. B);

That it should be stated that the amounts deposited were withdrawn, and from 2008 till today, no one expected any further payment of groundrent regarding the property;

That however, from research regarding the root of title of property carried out by the applicants, it is not clear from where the title of the direct owners in respect of whom the redemption was made results, and if one considers the previous contracts of the 5th March, 1980 (Doc. C) and of the 10th May, 1966 (Doc. D)referred to in the root of title section in the contract of acquisition it is not even completely clear how the groundrent amounted to Lm1.25 and as it was split;

Furthermore, due to the passage of time and the various transfers over the years, it is difficult to resort to who the direct owners and/or sub-direct owners to whom the groundrent was originally due and much less than their living heirs.

Thus despite that the groundrent burdening the property was; redeemed in 2008, the applicants – ex abudantia cautela – are going to deposit again the amount of redemption, besides the payment of groundrent for these last five years and this by means of the present schedule of deposit which is going to be filed against curators to represent the unknown direct owners.

That in the light of the above, the applicants are bringing forward this schedule by means of which they are depositing:

i. the sum of €58.20 representing the groundrent of €2.91 capitalised at the rate of 5%;

ii. the sum of €14.55 representing for all intents and purposes the arrears for the last five years.

Thus, in terms of sub-article 7 of the same article 1501 of the Civil Code, the applicants are requesting this Honourable Court and under its authority are depositing the total amount of €72.75 representing the price of redemption of this annual and perpetual groundrent regarding the property mentioned, and also the arrears of the last five years so that it will be freely withdrawn by the curators representing the unknown direct and/or sub-direct owners, after leaving the relative receipt.

Applicants: Eileen Farrugia née Sciberras, 20A, Boat House, Triq ix-Xtut, St Paul's Bay

Maria Sciberras, Montparnasse, 39, Triq Madre Margherita Debrincat, Pembroke

Salvina sive Sylvia Grech, 20, Yucca Court, Flat 13, Triq Carmelo de Lucca, San Pawl il-Baħar

Notifika: Kuraturi deputati
Direttur Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' Mejju, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Salvina sive Sylvia Grech, 20, Yucca Court, Flat 13, Triq Carmelo de Lucca, St Paul's Bay

Service on: Deputy curators
Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 30th May, 2023

Registry of the Superior Courts, today 14th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1370

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 195/2024MS, li ġie ppreżentat fl-20 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet: Novum Bank Limited vs Lehmann Marvin et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata bħala dovuta in linea ta' danni. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar is-26 ta' Settembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Lehmann Marvin, Apart 5, St Matthews, Triq C. De Brockdorff, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Ġunju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribu

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th May, 2024, in the records of Sworn Application number 195/2024MS, which was filed on the 20th February 2024, in the names: Novum Bank Limited vs Lehmann Marvin et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the defendants or either of whom to pay the plaintiff company the sum so liquidated due to damages. With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 26th September, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Lehmann Marvin. Apart 5, St Matthews, Triq C. De Brockdorff, Msida

Registry of the Superior Courts, today 5th June, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*